

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal emenda skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2017/C 92/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

DOKUMENT UNIKU

“THYM DE PROVENCE”**Nru tal-UE: FR-PGI-0005-01364 — 18.9.2015****DOP () IĠP (X)****1. Isem/Ismijiet**

“Thym de Provence”

2. Stat Membru jew Pajjiż Terz

Franza

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**3.1. Tip ta' prodott**

Klassi 1.8. Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.)

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li japplika għalih l-isem f(1)

It-“Thym de Provence” huwa pjanta aromatika tal-ispeċi *Thymus vulgaris* L., tal-familja tal-Labiatae. Din hija arbuxxell minn 10 sa 30 cm, aromatiku, bil-friegħi, bi zkuk tal-injam minn taħt, miġbura normalment fi trofof jew f'arbuxxelli żgħar folti ħafna.

Il-weraq dejjem iħaddru, griżi jew ħodor skont l-istaġun, kif ukoll iz-zkuk żgħar u l-buttuni, għandhom fuqhom glandoli mimlija b'żejt essenzjali. Dan iż-żejt essenzjali huwa tat-tip fenoliku, u l-maġġoranza tal-komposti tiegħu huma l-karvakrol (b'minimu ta' 15 %), it-timol, kif ukoll il-paraċimen (il-prekursur tagħhom).

It-“Thym de Provence” huwa pjanta perenni li tiġi kkultivata fuq il-post jew maħsuda fuq roqgħa approvata fil-ħabitat naturali.

It-“Thym de Provence” ġej mill-varjetajiet li ġejjin: VP 83 (sagħtar tal-popolazzjoni), varjetà Carvalia, varjetà Thymia.

Il-lista tal-varjetajiet awtorizzati tista' tiġi riveduta fuq il-bażi ta' protokoll ta' revizzjoni li jimmira li jggarantixxi r-rispett tal-karatteristiċi li ġejjin:

— profil tal-fenol (rati ta' karvakrol + timol + paraċimen > 50 %),

— rati ta' karvakrol ta' 15 % jew aktar,

— qağħda tal-pjanta dritta u tal-injam.

Din il-lista tal-varjetajiet tiġi ċċirkolata lill-produtturi wara kull emenda, kif ukoll tintbagħat lill-korp ta' spezzjoni u lill-awtoritajiet kompetenti ta' spezzjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

It-“Thym de Provence” jiġi ppreżentat bħala weraq, niexfa jew iffriżati, jew bħala friegħi friski jew niexfa. Dawn il-friegħi jistgħu jinbiegħu sfużi jew f'bukkett.

Dan għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

— għall-forom kollha ta' preżentazzjoni, kontenut minimu ta' karvakrol ta' 15 % li jinsab fiż-żejt essenzzjali,

u barra minn hekk, skont il-forom ta' preżentazzjoni:

— għall-friegħi friski: tul massimu ta' zokk ta' 16 cm,

— għall-friegħi nexfin: tul massimu ta' zokk ta' 16 cm u rata massima ta' umdità ta' 12 %,

— għall-weraq niexfa: rata massima ta' umdità ta' 12 %, rata massima ta' zkuk ta' 4 %, u rata massima ta' materjal fin ta' 2 %,

— għall-weraq iffriżati: rata massima ta' zkuk ta' 4 % u rata massima ta' materjal fin ta' 2 %.

3.3. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

L-operazzjonijiet li għandhom isiru fiż-żona ġeografika huma l-operazzjonijiet ta' ħsad, ta' pproċessar (tnixxif/dris, issortjar, iffriżar) u ta' tqegħid f'bukkett.

3.5. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ., tal-prodott li d-denominazzjoni tirreferi għalih*

—

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tikkettar tal-prodott li d-denominazzjoni tirreferi għalih*

It-tikketti mqiegħda fuq l-unitajiet tal-konsum “Thym de Provence” għandhom isemmu, minbarra l-indikazzjonijiet obligatorji li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, id-DDM (data ta' durabilità minima) kif ukoll daħla li tinkludi l-isem u l-indirizz tal-korp ta' ċertifikazzjoni li qabilha jkun hemm “ċertifikat minn”.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

Id-Dipartiment ta' Vaucluse: il-muniċipalitajiet kollha.

Dipartiment ta' Bouches du Rhône:

— cantons sħaħ: Aix-en-Provence (1 u 2), Allauch, Aubagne, Berre-l'Étang, Châteaurenard, Ciotat, Gardanne, Marignane, Marseille (1 sa 10), Martigues, Pélassanne, Salon-de-Provence (1 u 2), Trets, Vitrolles,

— il-canton ta' Istres minbarra l-muniċipalità ta' Fos-sur-Mer,

Id-Dipartiment ta' Gard:

— cantons sħaħ: Bagnols-sur-Cèze, Pont-Saint-Esprit, Redessan, Roquemaure, Uzès, Villeneuve-lès-Avignon,

— il-canton ta' Alès-2: il-muniċipalitajiet ta' Belvèzet, Bouquet, Fons-sur-Lussan, Lussan, Seynes, Vallérgues,

— il-canton ta' Alès-3: il-muniċipalità ta' Castelnau-Valence,

— il-canton ta' Beaucaire minbarra l-muniċipalitajiet ta' Bellegarde, Fourques,

— il-canton ta' Marguerittes: il-muniċipalitajiet ta' Manduel, Marguerittes, Poulx,

— il-canton ta' Rousson: il-muniċipalitajiet ta' Barjac, Méjannes-le-Clap, Saint-Jean-de-Maruéjols-et-Avéjan, Saint-Privat-de-Champclos, Tharaux.

Id-Dipartiment ta' Alpes de Haute Provence:

— cantons sħaħ: Château-Arnoux-Saint-Auban, Forcalquier, Manosque (1 sa 3), Oraison, Reillanne, Valensole,

— il-canton ta' Digne-les-Bains-2 minbarra l-muniċipalitajiet ta' Champtercier, Digne-les-Bains,

— il-canton ta' Sisteron minbarra l-muniċipalitajiet ta' Authon, Saint-Geniez,

— il-canton ta' Riez: il-muniċipalitajiet ta' Bras-d'Asse, Le Castellet, Le Chaffaut-Saint-Jurson, Entrevennes, Estoublon, Mézel, Moustiers-Sainte-Marie, Puimichel, Puimoisson, Riez, Roumoules, Saint-Jeannet, Saint-Julien-d'Asse, Saint-Jurs,

— il-canton ta' Seyne: il-muniċipalitajiet ta' Claret, Melve, Sigoyer, Thèze, Valernes, Vaumeilh.

Id-Dipartiment ta' Ardèche:

— il-canton sħiħ ta' Bourg-Saint-Andéol,

— il-canton ta' Pouzin: il-muniċipalità ta' Rochemaure,

— il-canton ta' Teil: il-muniċipalitajiet ta' Alba-la-Romaine, Aubignas, Saint-Andéol-de-Berg, Saint-Maurice-d'Ibie, Saint-Thomé, Le Teil, Valvignères,

— il-canton ta' Vallon-Pont-d'Arc: il-muniċipalitajiet ta' Labastide-de-Virac, Orgnac-l'Aven, Saint-Remèze.

Id-Dipartiment ta' Var:

— cantons sħaħ: Brignoles, Draguignan, Garde, Garéoult, Hyères, Ollioules, Saint-Cyr-sur-Mer, Saint-Maximin-la-Sainte-Baume, Seyne-sur-Mer (1 u 2), Solliès-Pont, Toulon (1 sa 4),

— il-canton ta' La Crau: il-muniċipalitajiet ta' Hyères, La Crau,

— il-canton ta' Flayosc minbarra l-muniċipalitajiet ta' Bargème, Bargemon, Brenon, Châteauvieux, Claviers, Comps-sur-Artuby, La Bastide, Le Bourguet, La Martre, La Roque-Esclapon, Trigance,

— il-canton ta' Luc minbarra l-muniċipalitajiet ta' Collobrières, La Garde-Freinet,

— il-canton ta' Vidauban minbarra l-muniċipalità: Le Muy.

Id-Dipartiment ta' Hautes Alpes:

— il-canton sħiħ ta' Laragne-Montéglin,

— il-canton ta' Serres: il-muniċipalitajiet ta' Le Bersac, Bruis, Chanousse, L'Épine, Étoile-Saint-Cyrice, Eyguians, Lagrand, Méreuil, Montclus, Montjay, Montmorin, Montrond, Moydans, Nossage-et-Bénévent, Orpierre, Ribeyret, Rosans, Saint-André-de-Rosans, Sainte-Colombe, Sainte-Marie, Saint-Genis, Saléon, Savournon, Serres, Sorbiers, Trescléoux.

Id-Dipartiment ta' Drôme:

— cantons sħaħ: Grignan, Tricastin, Montélimar-2,

— il-canton ta' Dieulefit minbarra l-muniċipalitajiet ta' Bézardun-sur-Bîne, Bourdeaux, Bouvières, Comps, Crupies, Félines-sur-Rimandoule, Francillon-sur-Roubion, Mornans, Le Poët-Célar, Les Tonils, Orcinas, Rochebaudin, Saou, Soyans, Truinas,

— il-canton ta' Nyons u Baronnie minbarra l-muniċipalità ta' Chaudebonne,

— il-canton ta' Diois: il-muniċipalitajiet ta' La Motte-Chalancon, Rottier,

— il-canton ta' Montélimar-1: il-muniċipalitajiet ta' Ancône, Montélimar, Savasse.

5. Rabta mal-orijni

Speċifiċità taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika ta' "Thym de Provence" hija parti minn territorju normalment iddeżinjata bħala Provence u tinsab fix-Xlokk ta' Franza.

It-tipi ta' ħamrija l-aktar frekwenti huma ħamrija taflija bil-ġir ta' kumpattezza differenti. Huma jippermettu li x-xita tgħaddi jew tnixxi u tisparixxi faċilment. Spiss ħafna jkun fihom il-ġebel. Dawn l-ambjenti miftuħa, taflija, niexfa u xemxija, imsemmija "garrigues" huma tipiċi ta' Provence.

Iż-żona ġeografika hija karatterizzata wkoll minn klima Mediterranja, immarkata bi sjuġ sħan u niexfa, u xtiewi moderati. Il-perjodi ta' xemx huma sinifikanti u twal, b'riħ mit-Tramuntana/mill-Majjistral kultant frekwenti u jdum li għandu rata baxxa ta' umdiċità. Ix-xtiewi ta' Provence huma kkaratterizzati b'perjodi rari ta' silġ ġeneralment qosra, u mhux qawwija ħafna.

Iż-żona ġeografika hija karatterizzata finalment minn densità qawwija ta' tkabbir spontanju ta' sagħtar tal-fenol, li jinkludi proporzjon notevoli ta' karvakrol, li jikkostitwixxi popolazzjonijiet kważi puri, li jikbru fi rqajja' bejn wieħed u ieħor tondi.

B'riżultat ta' tradizzjoni twila ta' hśad tas-sagħtar salvaġġ, li għadha pprattikata s'issa, u ta' proċessi antiki ta' tnixxif, issortjar, jew ġbir f'bukketi tas-sagħtar, il-produtturi taż-żona ġeografika żviluppaw għarfien speċifiku.

Il-produtturi tat-"Thym de Provence" żguraw li s-sagħtar tal-popolazzjoni li jikber spontanament fl-istat naturali fiż-żona, jiġi riprodott permezz ta' selezzjoni varjetali ta' sagħtar tal-fenol, li ż-żejt essenzjali tiegħu fiħ aktar minn 15 % ta' karvakrol.

Barra minn hekk, għar-roqgħat ikkultivati, il-produtturi jillimitaw il-provvisti tal-ilma sabiex b'hekk jiżguraw mezz ta' produzzjoni li jkun simili għall-kundizzjonijiet naturali.

L-użu tar-roqgħat ikkultivati huwa limitat għaliex wara ċertu età tas-sagħtar, iż-zkuk jiħxienu wisq u l-proporzjon tal-weraq meta mqabbel mal-piż tal-injam (zkuk ħoxnin) isir insuffiċjenti. Fir-rigward tas-sagħtar fl-istat salvaġġ, il-persuni li jaħsdu jevalwaw bl-għarfien tagħhom id-daqs tal-pjanti li jistgħu jinħasdu, sabiex jiġi garantit l-istess riżultat.

Barra minn hekk, il-produtturi jagħtu l-attenzjoni kollha tagħha lill-istadju ottimali ta' hśad, kif ukoll għall-ħżin ventilat tas-sagħtar, qabel l-ipproċessar jew it-tnixxif, li jiddependi fuq il-klima niexfa taż-żona ġeografika.

Fir-rigward tal-ipproċessar, l-għarfien tal-operaturi jinsab partikolarment fl-implimentazzjoni rapida tal-ipproċessar wara l-hśad (it-tnixxif għall-weraq niexfa tas-sagħtar u l-iffriżar għall-preżentazzjoni ffriżata).

It-tnixxif huwa wkoll fażi importanti li jservi biex tiġi kkontrollata r-rata ta' umdića u li wara tippermetti l-immagnigġjar tal-prodott mingħajr ir-riskju li jiġi degradat: mhux niexef biżżejjed, it-"Thym de Provence" ma jkunx jista' jinżabar b'mod korrett (iż-zkuk ma jinqalgħux mill-weraq), u jekk ikun niexef wisq, jistgħu jinħolqu wisq xquq fiż-zkuk matul id-dris. Il-fażi tat-tnixxif issir filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet klimatiċi esterni, u taffettwa d-dehra tal-prodott u ż-żamma tiegħu maż-żmien. Hija marbuta ma' għarfien reali kif ukoll mat-tħaddim ta' magni speċifiċi ħafna (evalwazzjoni viżiva tal-prodott frisk, proċess ta' ssortjar speċifiku skont il-lott...).

Ix-xogħol ta' tqegħid f'bukketi jeħtieġ ukoll għarfien partikolari tal-produtturi, li jikkunsidraw il-livell ta' umdića tal-prodott tagħhom sabiex jiġi limitat it-telf tal-weraq u d-degradazzjonijiet kwalitattivi. Dan l-għarfien joffri l-bażijiet neċessarji għall-kisba tal-prodott finali mistenni.

L-operaturi ta' Provence jimplimentaw, permezz tat-tagħmir speċifiku tagħhom u l-esperjenza tagħhom, metodi ta' ssortjar partikolarment effikaċi u rigorużi. L-għarfien tagħhom tal-prodott jippermettilhom li jiddeterminaw l-ġhodod neċessarji li jiggarantixxu ssortjar ottimali tas-sagħtar, billi jeliminaw bl-aktar mod possibbli l-partikoli mhux mixtieqa.

Speċifiċità tal-prodott

It-"Thym de Provence" huwa karatterizzat minn aroma u toġhma qawwija karatteristiċi: jaħraq u pikkanti.

Dan jiddistingwi ruħu minn tipi oħra ta' sagħtar li huma prinċipalment "ħelwin" jew sagħtar tal-ġonna tal-kimotip timol pur u b'qawwa aromatika iktar baxxa, kif ukoll, flivell inqas, sagħtar biċ-ċineol (*Thymus mastichina* L. *cineolifera*).

Il-karatteristiċi l-oħra tat-"Thym de Provence" huma: l-indafa, l-omoġeneità tal-weraq, in-nuqqas kważi totali ta' impuritajiet (għall-weraq tas-sagħtar).

Meta mibjuġh f'bukketi, dawn għandhom ikunu regolari, iffurmati sew u b'ammont tajjeb ta' weraq.

Dawn l-ispeċifiċitajiet jagħtu lit-"Thym de Provence" reputazzjoni tajba ħafna.

Rabta kawżali

Il-karatteristiċi tal-ħamrija li tħalli l-ilma jgħaddi fiż-żona ġeografika, flimkien maċ-ċiklu tat-temperaturi, jiffavorixxu t-tkabbir spontanju tat-"Thym de Provence" u l-kultivazzjoni tiegħu. Sabiex jikber f'kundizzjonijiet tajba u jiżviluppa l-qawwa aromatika tiegħu, it-"Thym de Provence" jeħtieġ is-sħana u x-xemx offruti mill-klima preżenti fiż-żona ġeografika.

Il-varjetajiet tradizzjonalment magħżula, speċifiċi għal dan il-klima, jiffavorixxu s-sekrezzjoni ta' żejt essenzjali tipiku ħafna, b'kontenut għoli ta' karvakrol, li jenfasizza l-aromi jaħarqu u pikkanti, karatteristiċi tat-"Thym de Provence". Il-preżenza sinifikanti tal-karvakrol fiż-żejt essenzjali tal-weraq huwa karatteristika sekondarja tal-adattament tal-pjanta għall-ambjent tagħha, karatterizzat partikolarment minn nixfa qawwija fis-sajf.

L-irrigazzjoni kkontrollata tippermetti li jiġi limitat it-tluġ tal-ħaxix (effett fuq l-indafa tal-prodott finali) u li jinżammu l-kundizzjonijiet ta' umdità baxxa kemm jista' jkun qrib il-kundizzjonijiet naturali.

Il-ħsad li jsir fl-istadju ottimali mill-produtturi għandu effett fuq l-aħjar espressjoni tal-aromi, iżda wkoll fuq l-indafa tat-“Thym de Provence”.

Il-prattiki ta' tnixxif jew l-iffriżar rapidu wara l-ħsad, kif ukoll il-ħżin ventilat, jiggarantixxu l-kisba ta' sagħtar b'kulur omoġenju, u jikkontribwixxu għall-iffissar tal-aromi. Dawn l-istadji kruċjali jibbenefikaw mill-esperjenza tal-operaturi fil-qasam u partikolarment il-kapaċità rapida li jevalwaw b'mod viżiv il-kwalità tal-prodott li jkun għadu kif inħasad.

L-indafa tat-“Thym de Provence” tiġi garantita mill-għarfien marbut mal-istadji ta' żabra u ssortjar, li għandhom rwol importanti fl-eliminazzjoni tal-eħxen parti taz-zkuk, u l-limitazzjoni tax-xquq.

It-“Thym de Provence” f'bukketti regolari, iffurmati sew u b'ħafna weraq, jibbenefika mill-għarfien li huwa espress mill-eliminazzjoni taz-zkuk ħoxnin, u l-evalwazzjoni tal-umdità, flimkien mal-għażla tal-aħjar mument biex issir din l-operazzjoni.

Il-preżenza tas-sagħtar fi Provence, u l-karatteristiċi tal-aroma u tat-toġhma tat-“Thym de Provence” huma spiss imsemmija fil-letteratura. Minn Plinju x-Xiħ fis-Seklu I sa awturi kontemporanji bħal, pereżempju, Marcel Pagnol (Les Bucoliques, Grasset, 1958). It-“Thym de Provence” huwa pilastru tal-wirt gastronomiku ta' Provence kummerċjalizzat b'mod estiż taħt forom diversi.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

<https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDC-IGP-ThymdeProvence.pdf>
